

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Patent- und Markensenat (L-Awstrija) fis-27 ta' Settembru 2007 — Verein Radetzky vs Orden gegen Bundesvereinigung Kameradschaft "Feldmarschall Radetzky"

(Kawża C-442/07)

(2007/C 283/40)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Patent- und Markensenat.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Verein Radetzky-Orden.

Konvenuta: Bundesvereinigung Kameradschaft "Feldmarschall Radetzky".

Domandi preliminari

L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-*trade marks* (iktar 'il quddiem id-*"Dirattiva dwar it-trade marks"*) għandu jiġi interpretat fis-sens li *trade mark* hija s-suġġett ta' użu (serju) sabiex ikun hemm differenza bejn il-prodotti u servizzi ta' impriża minn dawk impriża oħra meta assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ tużaha biex tannunċja l-manifestazzjonijiet tagħha, fil-karti tal-kummerċ tagħha u fuq il-materjal ta' reklamar tagħha u li l-membri tagħha jużaw fuq il-beġġ li huma jilbsu waqt il-ġbir u d-distribuzzjoni ta' kontribuzzjonijiet?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy Gdańsk, il-Polonja fis-27 ta' Ġunju 2007 — MG Probud Gdynia Sp. z o.o. w Gdyni vs Główny Urząd Celny w Saarbrücken

(Kawża C-444/07)

(2007/C 283/41)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollak

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy Gdańsk (il-Polonja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: MG Probud Gdynia Sp. z o.o. w Gdyni

Konvenuta: Główny Urząd Celny w Saarbrücken

Domandi preliminari

1) L-awtoritajiet amministrattivi ta' Stat Membru għandhom id-dritt li japproprjaw ruħhom minn fondi li jinsabu fil-kont tal-bank ta' operatur eknomiku wara li dan ikun ġie ddikjarat fallut fi Stat Membru ieħor (eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru), minkejja d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ta' l-Istat li fih inbeda l-proċediment (Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment⁽¹⁾) — ladarba l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 u 10 ta' l-imsemmi regolament ma ġewx soddisfatti, fid-dawl ta' l-Artikoli 3, 4, 16, 17 u 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju, dwar il-proċedimenti ta' falliment, jiġifieri fir-rigward tar-regoli li jikkonċernaw il-kompetenza tal-qorti ta' l-Istat li tiftaħ il-proċediment ta' falliment, tal-liġi applikabbli għal dan il-proċediment, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-effetti marbuta ma' l-għarfien tal-proċediment ta' falliment?

2) Fid-dawl ta' l-Artikolu 25(1) *et seq* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju, dwar il-proċedimenti ta' falliment, l-awtoritajiet amministrattivi ta' Stat Membru li fit-territorju tagħhom ma jkunx infetħa proċediment sekondarju ta' falliment, iżda li jkun suġġett għal obbligu ta' għarfien skond l-Artikolu 16 ta' l-imsemmi regolament, jistgħu, billi jibbażaw ruħhom fuq dispożizzjonijiet nazzjonali, jirrifjutaw li jirrikonossu, skond l-Artikoli 31 sa 51 tal-Konvenzjoni ta' Brussel dwar il-Ġurisdiżzjoni u l-Infurzar ta' Ġudizzji f'Materji Ċivili u Kummerċjali, id-deċiżjonijiet ta' l-Istat Membru li fih infetħu l-proċedimenti relattivi għall-iżvolġiment u t-tmiem ta' proċediment ta' falliment?

⁽¹⁾ ĠU L 160, p. 1.

Appell imressaq fis-27 ta' Settembru 2007 minn Ayuntamiento de Madrid u Madrid Calle 30, SA kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) mogħti fit-12 ta' Lulju 2007 fil-Kawża T-177/06 Ayuntamiento de Madrid u Madrid Calle 30, SA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-448/07 P)

(2007/C 283/42)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Ayuntamiento de Madrid u Madrid Calle 30, SA (rappreżentanti: J. L. Buendía Sierra u R. González-Gallarza Granizo, abogados)

Partijiet oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej